MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 362/2005

**AB**
**Vs**
**C B xebba D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet huma mizzewgin u hgandhom zewgt itfal minuri u cioe' E B u F B, tewmin;

Premess illi fl-1 ta' Novembru 2005 l-attur ipprezenta mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuta ai termini tal-artikolu 877 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iwaqqafha milli tiehu lil uliedhom minuri E B li twieled fit-8 ta' Lulju 2002 u F B li twieldet fit-8 ta' Lulju 2002 barra minn Malta;

Premess illi l-konvenuta ghandha cittadinanza Marokkina;

Premess illi l-konvenuta ghandha familjari barra minn Malta u ghandha mezzi sufficjenti sabiex tistabilixxi r-residenza taghha barra minn Malta;

Premess illi l-attur ghandu biza li l-konvenuta tahrab minn Malta flimkien mat-tfal minuri tal-partijiet;

Premess illi l-attur talab u ottjena mandat ta' inibizzjoni numru 177/05 kontra l-konvenuta sabiex hija ma ssifirx lill-imsemmija tfal minuri barra minn Malta;

Premess illi l-attur ghandu interess li l-imsemmi mandat jibqa' fis-sehh u l-konvenuta tibqa' inibita milli tiehu lill-imsemmija minuri barra minn Malta ad insaputa u minkejja l-opposizzjoni tal-attur;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 177/05 fuq imsemmi b' dan li tali mandat ghandu jibqa' in vigore sakemm ma jkunx hemm ragunijiet legalment gustifikabbli sabiex tali mandat jigi revokat u sakemm l-istess minuri jsiru maggorenni;

2. Tordna li l-minuri E B u F B ma jithallewx johorgu minn Malta minghajr il-permess ta' dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna lill-konvenuta tiddepozita l-passaport tal-minuri ma' din l-Onorabbli Qorti jew ma' Awtorita' kompetenti ohra li jidrilha opportuna li tinnomina din l-Onorabbli Qorti;

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti u lil Awtoritajiet kompetenti sabiex ma jinharigx passaport ghaz-zewgt minuri minghajr il-kunsens taz-zewgt genituri;

5. Tordna u tawtorizza lid-Direttur tal-Passaport u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti sabiex inehhi lit-tfal

minuri minn fuq il-passaport tal-konvenuta jekk dan hu l-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-affidavit ta’ l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta li l-attur huwa mizzewweg lill-konvenuta, mara ta’ nazzjonalita’ Marokkina, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal minuri bl-isem ta’ E u F.

Illi fl-1 ta’ Novembru 2005 l-attur kien talab u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 877 tal-Kap.12 fil-konfront tal-konvenuta sabiex jimpediha milli tohrog il-minuri barra minn Malta.
Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid li ta’ sikwit martu theddu bil-kliem “naqbad it-triq u nitlaq bit-tfal ghax dawk tieghi.” [fol.21]; u di fatti kien hemm okkazzjoni meta l-konvenuta sifriet bit-tfal il-Marokk, u kellu jitla’ l-attur sabiex jerga’ jgib il-familja lura Malta.

Il-Qorti tosserva li ma tarax raguni ghaliex m’ghandhiex taghti affidament lill-attur, multo magis meta l-versjoni tieghu ma gietx kontradetta, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ghandha cittadinanza barranija u ta’ pajjiz mhux membru ta’ l-Unjoni Ewropea; u ghalhekk tikkunsidera t-talba tieghu gustifikata fic-cirkostanzi, u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tichad l-ewwel talba stante li dina hija legalment insostenibbli, tilqa' il-kumplament tat-talbiet attrici:

Billi tordna li l-minuri E B u F B ma jithallewx johorgu minn Malta jekk mhux bil-kunsens taz-zewg genituri, jew bil-permess tal-Qorti; u li kemm id-Direttur tal-Passaport u lill-Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija ghandhom jassikuraw li dawn il-minuri ma jithallewx johrogu minn Malta minghajr il-kunsens taz-zewg genituri, jew il-permess tal-Qorti; u tordna li l-isem tat-tfal minuri jitnehha minn fuq il-passaport tal-konvenuta jekk dan hu il-kaz; u tordna li l-konvenuta tiddepozita l-passaport tal-minuri fir-registru ta' din il-Qorti;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta, hlief dawk relattivi ghall-ewwel talba li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur.

Tordna li a kura ta' l-attur, kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Passaporti, lill-Ufficjali Principali tal-Passaporti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------